MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 7/2010

**Emanuel u Carmen Ellul**

**vs**

**Anthony Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Jannar, 2010, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Ir-rikorrenti qed jitlobu l-hlas ta’ €7,337.53 (Lm3150) oltre spejjez ta’ *towing,* danni sofferti minnu konsegwenza ta’ incident li sehh fit-30 ta’ Dicembru 2006 fi Triq il-Qaliet, Marsascala, bejn vettura GRE181 misjuqa minn bin ir-rikorrenti Alan Ellul u vettura DAO186 misjuqa mill-intimat. Ir-rikorrenti jallegaw li l-incident sehh bi htija tal-intimat. Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittra legali tad-

29 ta’ Jannar 2007 u ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Marzu 2007 u bl-imghax legali.

L-intimat irrisponda illi l-incident sehh htija ta’ Alan Ellul li kien isuq fuq in-naha hazina tat-triq.

L-arbitru jirrileva illi x-xiehda kollha f’dan l-arbitragg **Atlas Insurance et vs Anthony Busuttil u Alan Ellul** (M119/2007) li jirreferi ghall-istess incident. Kwindi l-provi riportati f’dak l-award qed jergghu jigu reprodotti f’dan.

**Provi**

Anthony Busuttil xehed li kien isuq il-vettura DAO186 bil-mara magenbu. Kien tiela mid-direzzjoni tac-Cerviola u ried idur ma’ l-ewwel triq fuq il-lemin tieghu. Kien bil-lejl. Hu u tiela xeghel l-indicator tal-lemin u mill-faccata kienet niezla karozza tul ta' xi erba' vetturi boghod minnu. Hu waqaf fuq in-naha tieghu tat-triq, miksur ftit lejn il-lemin. Fuq ix-xellug tieghu kien hemm il-karozzi pparkjati. Dak il-hin martu qaltlu 'diehel fuqna' u kienet qed tirreferi ghall-vettura ohra u mhux dik li ra niezla. Din il-vettura li lemhet martu kienet qed taqsam minn naha taghha tat-triq ghan-naha taghhom u kienet gejja b'sahhitha. Hu ra din il-vettura wkoll. Id-daqqa hadha faccata fin-nofs lejn ix-xellug, u dawru fuqu nnifsu u laqat Golf ipparkjat fuq ix-xellug tat-triq.

Fil-kontro ezami hu mmarka bl-ittra 'Z' il-punt ta’ l-impatt. Zied li mnejn kienet gejja l-vettura l-ohra t-triq hi ghat-tond u kien gia qed jikser il-barra meta rah. Il-vettura l-ohra laqtitu bil-faccata wkoll. Il-hgieg kien fuq in-naha tieghu tat-triq fejn immarka l-*ispot of impact.* Qal li wara l-impatt il-vettura l-ohra regghet marret fuq in-naha taghha tat-triq u kisret ghax-xellug l-isfel. Ma’ l-impatt telaq siequ minn fuq il-brake.

Martu Rita Busuttil ikkoroborat ix-xiehda ta' zewgha. Fil-kontro ezami qalet li rat iz-zewg vetturi wara xulxin wahda niezla fuq in-naha taghha tat-triq u ta' warajha fuq in-naha hazina. Ta' quddiem lahqet ghaddithom qabel l-impatt. Hi rat il-vettura li dahlet fihom niezla fuq in-naha hazina tat-triq minn tlett karozzi lura u kienet gejja bi *speed.* Hi cahdet li kienu jaqsmu t-triq. Kienu dritti fil-*lane* u ma tafx kif tathom id-daqqa l-vettura l-ohra ghax ghalqet ghajnejha.

L-intimat Alan Ellul xehed li kien niezel minn Triq il-Qaliet fid-direzzjoni ta' Haz Zabbar. Mieghu kellu passiggiera. Fil-genb tax-xellug kellu l-karozzi pparkjati. Mill-karregjata l-ohra kien tiela t-traffiku. Kif wasal vicin l-inkrocju ta' Triq il-Granmastri hares biex jara kienx hemm vetturi jistennew biex jaqsmu u la kien hemm vetturi weqfin u lanqas vetturi bl-indicator mixghul. F'daqqa wahda l-vettura DAO186 li kienet gejja mill-faccata daret bis-sahha fid-direzzjoni ta' Triq il-Granmastri u baqghet diehla fih. Kif ra, kiser l-isteering lejn il-lemin biex jevitaha pero l-parti ta' quddiem tax-xellug tal-vettura tieghu laqtet il-parti ta' quddiem tax-xellug tal-vettura l-ohra. Id-daqqa kienet kbira hafna minhabba li hu kien ghan-nizla u l-iehor kien gej b'sahhtu. Mad-daqqa l-vettura tieghu daret dawra mejt u spiccat l-isfel in-naha tax-xellug mentri l-vettura l-ohra daret lura u tkaxkret fil-karregjata li kienet tiela minnha u laqtet Golf. L-incident sehh fuq in-naha tieghu tat-triq ftit il-fuq mill-kantuniera bejn Triq il-Qaliet u Triq il-Granmastri. It-triq mhix dritta izda fiha liwja konsiderevoli. Wara l-incident cempel lill-genituri tieghu li joqoghdu vicin.

Fil-kontro ezami xehed li kien isuq b'xi 30 kilometru fis-siegha u kien ghadu kif telaq mid-dar. Ma ftakarx rax vetturi ohra gejjin mill-faccata qabel l-incident. Hu ra l-vettura l-ohra f’daqqa gejja lejh. Hu mmarka b'cirku fejn sehhet il-habta. Il-liwja kienet fuq il-lemin tieghu u wara d-daqqa ma

jiftakarx ezatt fejn spiccaw il-vetturi. Hu laqat karozza fuq ix-xellug wara l-impatt.

Missieru Emanuel Ellul mar fuq il-lok ta’ l-incident ftit minuti wara l-incident ghax joqghod vicin u wara li cempillu t-tifel. Qal li z-zewg vetturi kienu fuq in-naha taghhom tat-triq pero kien hemm hafna tifrik ta' plastic u hgieg fil-karregjata tal-vettura ta' ibnu l-fuq minn fejn waqfet lejn il-linja medjana. Minn dan il-punt aktar l-isfel kien hemm zejt li kien icarcar sa fejn kienet wieqfa l-vettura l-ohra. Hu pprezenta *aerial view* tat-triq li turi liwja qawwija u ritratti li ha hu minuti wara l-incident li juru l-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident, li skond hu dawn juru li l-incident sehh fuq in-naha tat-triq tat-tifel.

Fil-kontro ezami qal li jaqbel mal-pozizzjoni tal-vetturi li jidhru fl-isketch. Ic-*Civil Protection* tefghu r-ramel mal-karregjata li kienet il-vettura tat-tifel.

Is-surgent Isabelle Camilleri li nvestigat l-incident in kwistjoni qalet li l-isketch ghamlitu hi u t-triq fejn sehh l-incident hi fid-dritt ghax il-kurvatura li fiha hi fit-tul. Tiftakar li kien hemm id-debris izda ma tiftakarx ghax mhux indikat. Id-debris kien jikkonsisti fi frakk u xi ilma u zejt ghax gew tac-Civil Protection u ghattewh.

PC Roger Mifsud xehed li Emanuel Ellul hu missier il-mara tieghu. Kien *night watch mal-Mobile Squad* u gie msejjah fuq il-lok tal-incident. Hu qal li sejhu lic-*Civil Protection* minhabba zjut ma’ l-art, cioe` roqgha zejt f’nofs it-triq pero fuq in-naha tat-triq ta' Ellul. Hu mmarka bl-ittra "X" b'cirku fuq l-isketch fejn ra z-zejt. Hdejn iz-zejt kien hemm debris tal-habta, cioe` hgieg u plastic fl-istess karregjata.

Fil-kontro ezami qal li ma nvestigax il-kaz hu. Kien hemm debris bejn il-quddiem tal-vettura ta' Ellul u

vettura BAH762 fuq ix-xellug taghha. Ma kienx hemm debris fil-*lane* l-ohra.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kontestazzjoni hi wahda semplici. Filwaqt li Busuttil qed jallega li Ellul xiref ghan-naha tieghu tat-triq u laqtu meta l-istess Busuttil kien wieqaf jistenna biex jaqsam ghal-lemin fuq in-naha tieghu tat-triq, Ellul jallega l-kontra, cioe` illi Busuttil qasam minn naha ghall-ohra tat-triq waqt li Ellul kien fil-karregjata tieghu niezel Triq il-Qaliet, Marsascala, u dan sabiex jidhol fi triq laterali fuq ix-xellug ta’ Ellul, cioe` Triq il-Granmastri.

L-arbitru ghamel access fuq il-lok ta’ l-incident u kkonstata illi Triq il-Qaliet fil-vicinanzi ta’ Triq il-Granmastri hi inklinata sew b'zewg karregjati pjuttost wesghin li pero bil-parking fuq kull naha ma jhallux spazju wisq ta' manuvrar pero bizzejjed biex vettura fuq kull naha sejra f’direzzjoni opposta zzomm il-karregjata taghha bla xkiel. Hemm linja medjana mhux interrotta fit-triq, ghalkemm bilkemm tidher hlief fil-parti fejn hemm Triq il-Granmastri, biex tippermetti vetturi telghin Triq il-Qaliet jiksru mal-lemin ghall-imsemmija triq laterali. L-arbitru saq fiz-zewg direzzjonijiet u kkonstata illi ghalkemm fejn sehh l-incident il-parti tat-triq hi inklinata sew pero hemm vizwali tajba u fit-tul miz-zewg nahat.

L-arbitru jirrileva illi l-incident sehh bil-lejl meta l-prudenza tas-sewwieq titlob aktar assidwita minhabba n-nuqqas ta' dawl naturali. It-triq pero hi mdawwla u ma kinitx xita.

Il-verzjonijiet tal-partijiet kienu konfliggenti u anki *a tempo vergine* sostnew l-allegazzjonijiet li regghu tennew quddiem l-arbitru, ghalkemm Anthony Busuttil ma jghidx specifikament li ried jikser ghal Triq il-Granmastri, izda li kien tiela’ ghad-dritt. Pero l-arbitru ma jqis li dan in-nuqqas kien xi wiehed

intenzjonali jew suspettuz da parti ta' Anthony Busuttil, meta tqis li s-sewwieqa kienu ghadhom kif ghaddew minn trawma ta’ habta qawwija u l-pulizija li jiehu l-verzjonijiet tal-partijiet mhux dejjem jidhol fid-dettalji tal-incident. Fil-fatt Anthony Busuttil kien tiela l-fuq fit-triq bhala direzzjoni qabel l-incident, u x-xiehda tieghu quddiem l-arbitru ma tmerix dan il-fatt.

Dan hu kaz fejn il-fatti jridu jaghtu ragun lil sewwieq jew iehor ghaliex l-allegazzjoni tal-partijiet hi l-invazjoni tal-karregjata da parti tas-sewwieq l-iehor, u dan kontra r-regoli tas-sewqan u b'kontravenzjoni cara tal-obbligu tal-*proper lookout* li kull sewwieq hu obbligat josserva.

Sfortunatament is-surgent Camilleri li nvestigat l-incident, ghalkemm ghamlet skizz tal-incident u l-partijiet jaqblu fejn spiccaw il-vetturi wara l-impatt, ma ghamlet ebda indikazzjoni ta’ *spot of impact* jew almenu kif kien mifrux id-debris jew ir-roqgha zejt li PC Roger Mifsud tal-*Mobile Squad* li mar fuq il-lok ta’ l-incident rriskontra u xehed dwarha.

Ovvjament is-sewwieqa, b'riferenza ghall-isketch ipoggu l-*ispot of impact* fuq in-naha taghhom tat-triq u l-mod kif il-vetturi spiccaw wara l-impatt ma jmerix sewwieq jew iehor dwar l-*ispot of impact* indikati minnhom.

L-arbitru fela wkoll il-hsarat li minn natura taghhom jindika impatt qawwi li wkoll ma jmerix l-allegazzjoni tas-sewwieqa dwar kif sehh l-incident u l-mod ta’ sewqan li wassal ghal tali hsarat fl-incident.

Il-pozizzjoni tal-hsarat hi ftit anomala biz-zewg vetturi jsofru hsarat principalment fuq il-parti frontali xellugija tal-vetturi taghhom pero l-arbitru ma setax jirrileva b'mod konkret xi fattur li jimmilita favur sewwieq jew iehor fil-verzjonijiet moghtija

minnhom, liema verzjonijiet mehudin wahedhom huma verosimili.

Dak li jista' jmejjel il-bilanc pero hi x-xiehda ta' PC Roger Mifsud li hu membru tal-mobile squad li nzerta jigi r-ragel ta' oht Alan Ellul u kien night watch u mar fuq il-lok tal-incident, kif ukoll ix-xiehda u ritratti mehuda minn missier Alan Ellul ftit minuti wara l-incident. Ix-xiehda ta' dawn iz-zewg persuni hi fis-sens illi d-debris u z-zejt qieghed fuq in-naha tat-triq mnejn kien niezel Ellul li jfisser li l-incident sehh kif xehed Ellul u mhux kif allega Busuttil. Jista' jigi objettat u allegat illi x-xiehda ta' dawn il-persuni mhix attendibbli ghaliex it-tnejn ghandhom interess dirett fl-incident billi Alan Ellul hu membru tal-familja, pero l-arbitru jirrileva illi apparti ma hemm ebda divjet li membri tal-familja jkunu xhieda, kull testimonjanza trid tigi evalwata skond il-provi u jekk attendibbli mehud in konsiderazzjoni l-fatti kollha li jirrizultaw, xejn ma josta lill-arbitru li jaghti tali xiehda l-kredibilita` u l-importanza misthoqqa.

Iz-zewg xhieda ma rawx l-incident isehh pero kienu fuq il-lok ta' l-incident ftit tal-hin wara. Emanuel Ellul esebixxa diversi ritratti ta' l-incident mehudin dak il-hin u l-ghada. L-arbitru rrileva illi r-ritratti juru roqgha miksija bit-trabb biswit u l-barra mill-vettura ta' Ellul. Dan ma jfissirx li l-impatt sehh hemm billi wara l-impatt il-vetturi spostaw ruhhom sakemm strahu mal-vetturi stazzjonarji li habtu maghhom. Il-fatt li hemm iz-zejt jista' jfisser li dan skula wara li l-vettura ta' Ellul waqfet u mhux necessarjament ghax l-impatt sehh f'dik il-parti immedjata tat-triq.

Rigward id-debris ma' l-art l-arbitru jirrileva illi fejn waqfu l-vetturi mhux fejn sehh l-incident ghax l-incident sehh xi ftit lura mnejn tidher wieqfa l-vettura ta' Ellul u cioe` vicin l-inkrocju ta' Triq il-Granmastri. Dan jinghad ghax Ellul kien ghan-nizla u hu verosimili li bl-impatt iz-zewg vetturi

ntefghu iktar lura sakemm waqfu. Ir-ritratti ma jghinux biex jigi stabbilit it-tifrik ma' l-ewwel impatt bejn il-vetturi li zgur kien rilevanti meqjus in-natura tal-hsarat tal-vetturi. Ghal dawn ir-ragunijiet ix-xiehda ta' missier Ellul u PC Roger Mif sud ma jistghux jinghataw il-piz mehtieg biex jitfghu il-bilanc favur l-intimat Ellul.

In tema legali l-arbitru jirrileva li gej.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Nancy Caruana vs Odette Camilleri** (PA 13.02.2001):

*"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero` fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

Kif qalet ukoll il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Link Hans Jochim et vs Raymond Mercieca**, deciza fit-12 ta' Jannar 2001:

*"Huwa principju bazilari ta' dritt illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju actore non probante reus absolvitur kienet essenzjalment ezercizzju ta' analizita` provi*

*fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien wkoll regolatur fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi fil-kamp civili."*

Pero hu simplicistiku mill-banda l-ohra li wiehed jistrieh biss fuq il-principju *in dubio pro reo* specjalment meta l-verzjonijiet tal-partijiet, generalment l-unici xhieda ta’ l-akkadut, ikunu kontrastanti. Wiehed irid ukoll jara l-verosimiljanza tax-xiehda b'rispett ghad-dinamika tieghu. Kif qalet il-Qorti fil-kawza Moira Galea vs Michael Zerafa (App Civ. 06.10.2000):

*"fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti dawk il-provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra, u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu lill-gudikant biex jirrizolvi l-vertenza independentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet fejn, bhal dan in ezami, dawn ikunu imptappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f’salt tant illi s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x'ikun gara."*

Meqjusa tali principji tad-dritt, l-arbitru ma jistax jatribwixxi l-htija ta’ l-incident lill-intimat billi r-rikorrenti naqas li jipprova li kienet xi manuvra illegali u/jew negligenti li tat lok ghall-incident. L-arbitru mhux b'daqshekk qed jimplika li l-incident sehh bi htija ta’ Alan Ellul. Dak li qed jinghad hu illi r-rikorrenti ghabba lilu nnifsu bl-oneru li jipprova illi l-incident sehh ghax l-intimat invada l-karregjata tieghu waqt li kien niezel minn Triq il-Qaliet u illi din il-prova ma gietx sodisfacentement ippruvata ghalkemm plawsibbli kwantu hi plawsibbli l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-intimat. Il-fatti

> cirkostanzjali li rrizultaw lill-arbitru, bhal hsarat, pozizzjoni tal-vetturi wara l-incident u n-nuqqas ta' identifikazzjoni cara tad-debris tal-habta ma jhallux il-konvinzjoni morali fl-arbitru li l-incident sehh kif xehed ir-rikorrenti u mhux kif xehed l-intimat. Ma hemm ebda fattur li wahdu jmejjel il-bilanc ta' probabilta` favur ir-rikorrenti iktar milli l-intimat.
>
> Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi fejn jipprevalu konsiderazzjonijiet legali procedurali, l-arbitru jrid jikkonkludi illi r-rikorrenti ma ppruvawx dak allegat minnhom u kwindi jichad it-talbiet taghhom bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.**"**

Il-konjugi Ellul appellaw mil-lodo ta' l-Arbitru bl-obbjezzjoni illi dan ghamel konsiderazzjonijiet procedurali zbaljati dwar l-oneru u l-kwalita` tal-prova mehtiega. Huma jikkontendu illi l-applikazzjoni korretta ta' l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 u tal-principju tal-bilanc tal-probabilitajiet fi procedimenti civili kellhom iwasslu lill-Arbitru ghall-konkluzjoni li z-zewg nahat kellhom l-obbligu li jipprovaw dak allegat minnhom, u mhux huma biss esklusivament;

Huwa opportun li jigi qabel xejn premess illi skond it-termini ta' l-Artikolu 70A (1) tal-Kapitolu 387 parti sokkombenti fil-gudizzju quddiem l-Arbitru tista' tappella lil din il-Qorti ta' revizjoni "fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali". Mhux dan biss pero` ghaliex l-appellanti hu wkoll mghobbi bl-oneru li jidentifika l-punt tal-ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu u ghandu jispecifika wkoll t-tifsira li hu jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat [Artikolu 70B (1)]. Kif drabi ohra rilevat minn din l-istess Qorti "certament mhux sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli, formulata b'prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u allura izjed favorevoli, minn dik ta' l-Arbitru. Dan ghaliex talba konsimili ma tistax hlief titraduci ruhha in sostanza f'rikjesta *ex novo* tal-valutazzjoni tal-fatti, u dan huwa inammissibbli". Ara "**Stanley Spiteri -vs- Eileen Bonett**", 4 ta' Ottubru, 2006,

u "**Gasan Mamo Insurance Limited** ***et*** **-vs- Naomi Grima Enriquez**", 15 ta' Novembru, 2006;

Ipprecizat dan, l-appellanti jaghmlu rikjam specifiku ghad-dispost ta' l-Artikolu 562 tal-Kodici ritwali u li skond huma ma giex ghal kollox adempit mill-Arbitru. Huma jaghmlu dan biex isostnu l-punt illi l-Arbitru naqas milli jistharreg l-oneru tal-prova inkombenti fuq l-intimat b'dimostrazzjoni ta' l-alllegazzjoni tieghu illi ghall-incident kien jahti s-sewwieq Alan Ellul li invadielu l-karreggjata tieghu;

Ankorke din il-Qorti kellha tikkwalifika d-deduzzjoni ta' l-appellanti bhala dak il-punt tal-ligi ghal liema jirreferi l-Artikolu 70A (1), kombinat ma' l-Artikolu 70B (1), jibda biex jigi osservat in linea ta' principju generali illi d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 562 ghandu l-fondament tieghu fir-regola tradizzjonali *onus probandi incumbit ei qui dicit* u tali jqieghed a kariku tal-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha l-oneru li taghti prova konvincenti ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. Din l-esigenza hi imposta sija fuq l-attur ghab-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tad-difiza tieghu mahsuba biex tikkuntrasta l-pretiza ta' l-attur avversarju (*reus in excipiendo fit actor*). Hekk jinsab ritenut minn zmien antik illi "*qualunque eccezione, purche sia meritevole di considerazione e possa essere apprezzata nel suo merito, bisogna che sia sorretta da prove pel noto assioma che 'reus excipiendo fit actor'.*" ("**Sac. Innocenzo Zammit -vs- Sac. Alfonso Maria Borne**", Appell Civili, 23 ta' Jannar, 1925). Konsegwentement, proprju "ghaliex *reus excipiendo fit actor,* il-fatt minnu allegat, li jikkostitiwixxi l-kontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu" ("**Francesco Mallia -vs- Salvatore Guillaumier**", Appell Civili, 12 ta' Jannar, 1962;

Affermat dan, huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova

tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimita u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu;

Fil-kaz prezenti l-appellanti adducew li l-htija ghall-incident kienet dovuta ghan-negligenza, traskuragni u imperizja ta' l-appellat. Dan minn naha tieghu rribatta illi t-tort ghall-istess incident kien attribwibbli lis-sewwieq Alan Ellul, iben l-appellanti. Issa hu pacifiku f'materja ta' htija akwiljana illi *"quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega di aver sofferto il danno di cui reclama la rifuzione, per colpa del convenuto, egli è nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche la colpa è un ipotesi giuridica e generica, finche sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili.*" ("**Ingegnere Frank Calafato -vs- Carmelo Grech**", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1923). Huwa naturalment jehtieglu wkoll jipprova "*che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'istante*" ("**Giovanni Sarè -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928);

Premess dan, fuq l-evalwazzjoni tieghu tal-fatti, hekk rimessi mil-ligi eskluzivament lill-poter diskrezzjonali ta' l-Arbitru, dan irraguna illi ghall-iskontru bejn iz-zewg vetturi ma setax, mir-rikostruzzjoni tieghu tad-dinamika ta' l-incident, jiddetermina htija fl-appellat. Ugwalment, dejjem fuq l-istess attendibilita tal-provi u ta' l-apprezzament valutattiv tieghu, lanqas ma seta' jattribwixxi responsabilita` lis-sewwieq Alan Ellul. Huwa evidenti minn dan ghal din il-Qorti illi l-Arbitru ma setax jistabilixxi fattur determinanti li jakkolla l-htija fis-sewwieq wiehed jew l-iehor, ghaliex ghalih iz-zewg verzjonijiet kienu plawsibbli

u ma setax jasal ghac-certezza morali li jxaqleb il-bilanc tal-probabilitajiet favur il-wiehed u kontra l-iehor;

Issa kif inhu ben saput mhux ghal din il-Qorti li terga' tiskrutinja l-provi ghaliex l-unika censura akkonsentita lilha hi wahda limitativa ghall-verifika tal-punt ta' ligi u mhux ukoll li tissindika l-konkluzjoni decizorja fuq l-elementi ta' fatt. Ara a propozitu, fost ohrajn "**Mary Anne Scicluna -vs- Dr. Daniela Chetcuti**", Appell Inferjuri, 14 ta' Marzu, 2007;

Mill-esposizzjoni hawn fuq maghmula huwa bil-wisq car illi l-Arbitru ma waqafx merament fil-konstatazzjoni illi l-appellanti ma pprovawx il-fatt dedott minnhom illi kien l-appellat li inonda ghal fuq il-korsija transitata minn binhom bil-vettura taghhom. Anke jekk dan ma jghidux espressament, implicitament l-Arbitru kien fl-istess waqt qieghed jiddizattendi l-fatt kostitutiv ghab-bazi tal-linja difensjonali tas-sewwieq l-iehor Anthony Busuttil, u cjoe li kien Alan Ellul li invada l-karreggjata tieghu. Rigwardata f'din l-ottika ma jistax legittimament jinghad illi l-Arbitru injora d-dispost ta' l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 jew li l-lodo tieghu jikkontjeni vjolazzjoni tan-norma ta' dan id-dritt procedurali;

Hi mbaghad, sew konoxxuta l-gurisprudenza rapprezentata b'dan il-kwadru ta' valutazzjoni illi ssostni illi "fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghal gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza tal-probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – *actore non probante, reus absolvitur*. Ara "**Joseph Vincent Rausi *nomine* -vs- Joseph Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1992 per Imhallef Joseph Said Pullicino. Ara wkoll fl-istess sens id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Dottor**

**Herbert Lenicker -vs- Joseph Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju, 1972, per Imhallef Riccardo Farrugia u "**George Mifsud *nomine* -vs- Philip Micallef**", Appell Inferjuri, 1 ta' Lulju, 1997;

In bazi ghal gurisprudenza enuncjata u li tadatta ruhha perfettament ghall-kaz in kwestjoni fuq ir-rikostruzzjoni apprezzattiva ta' l-Arbitru, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddissenti mill-konkluzjoni tal-lodo ghaliex dan hu legalment u processwalment fondat.

Ghall-motivi suesposti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma l-lodo ta' l-Arbitru, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------